II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Settembru 2008

li tippermetti lill-Istati Membri li jestendu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għas-sustanzi attivi ġodda fluopicolide u pinoxaden

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 4732)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/724/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju tal-1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u partikolarment ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, f'Mejju 2004 ir-Renju Unit irċieva applikazzjoni mingħand Bayer CropScience għall-inklużjoni tas-sustanza attiva fluopicolide fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/778/KE [2] kkonfermat li d-dossier kien komplet u li seta' jitqies bħala wieħed li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tad-*data* u tal-informazzjoni tal-Annessi II u III ta' dik id-Direttiva.

(2) F'Marzu 2004, ir-Renju Unit irċieva applikazzjoni minn Syngenta Ltd li tikkonċerna l-pinoxaden. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/459/KE [3] kkonfermat li d-dossier kien komplet u li seta' jitqies bħala wieħed li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tad-*data* u tal-informazzjoni tal-Annessi II u III ta' dik id-Direttiva.

(3) Il-konferma tal-kompletezza tad-dokumenti kienet meħtieġa sabiex dawn setgħu jiġu eżaminati fid-dettall u sabiex l-Istati Membri seta' jkollhom il-possibiltà li jagħtu awtorizzazzjonijiet proviżorji, għall-perjodi sa tliet snin, għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi kkonċernati, filwaqt li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 91/414/KEE u, b'mod partikolari, il-kundizzjoni dwar l-evalwazzjoni dettaljata tas-sustanza attiva u tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fid-dawl tar-rekwiżiti stipulati minn dik id-Direttiva.

(4) L-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ta' dawn is-sustanzi attivi ġew studjati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva 91/414/KEE għall-użu propost mill-applikanti. L-Istat Membru relatur ressaq l-abbozzi tar-rapporti evalwattivi lill-Kummissjoni fit-12 ta' Diċembru 2005 (fluopicolide) u fit-30 ta' Novembru 2005 (pinoxaden).

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 293, 9.11.2005, p. 26.
[3] ĠU L 160, 23.6.2005, p. 32.

(5) Wara li tressqu l-abbozzi tar-rapporti evalwattivi mill-Istat Membru relatur, instab li kien hemm il-ħtieġa li tintalab iktar informazzjoni mill-applikanti u li l-Istat Membru relatur jeżamina dik l-informazzjoni u jressaq l-evalwazzjoni tiegħu. Għalhekk, l-eżaminazzjoni tad-dossiers għadha għaddejja u mhux se jkun possibbli li l-evalwazzjoni titlesta fil-qafas ta' żmien stipulat fid-Direttiva 91/414/KEE.

(6) Minħabba li l-evalwazzjoni li saret s'issa għadha ma identifikat l-ebda ħjiel ta' problema immedjata, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jġeddu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi kkonċernati għal perjodu ta' 24 xahar skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 91/414/KEE, u dan sabiex tkun tista' titkompla l-eżaminazzjoni tad-dossiers. Huwa mistenni li l-proċess ta' evalwazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward ta' deċiżjoni dwar il-possibilità tal-inklużjoni fl-Anness I tal-fluopicolide u l-pinoxaden se jkun tlesta fi żmien 24 xahar.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DECIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri jistgħu jestendu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom il-fluopicolide jew il-pinoxaden għal perjodu li ma jeċċedix l-24 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 8 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni